**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oscar Baldacchino)**

**-vs-**

**Bala Sissoko detentur ta' Passaport tal-Mali bin-numru AA0619397 li jiskadi fl-1 ta Novembru 2026.**

*Kumpilazzjoni Nru. 9088/2024*

Illum, 17 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat **Bala Sissoko** u ċioè talli:

> Fis-16 ta' Novembru, 2024, għall-ħabta ta' sitta nieqes hamsa ta' filgħodu (05:55hrs), ġewwa t-terminal tal-ajruport ta' Malta u/jew f'postijiet ohra ġewwa dawn il-gzejjer, naqas milli jiddikjara lill-Kummissarju tat-Taxxi li huwa kien qiegħed iġorr miegħu s-somma ekwivalenti għal €10,000 jew iżjed fi flus, filwaqt li huwa kien ħiereg minn Malta lejn Madrid Airport fi Spanja, bi ksur ta' Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitlu 233 tal-Ligijiet ta' Malta).

> Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat r-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus, (L.S.233.07), issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsa w għoxrin elf, ħames mija ħamsa w disgħin Ewro (€25,595.00c)

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**